Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,189, 6 ta' Frar, 2024

Taqsima B

A.L. 27 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali;

"Il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Kirurġija Dentali;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2024 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut mill-Fakultà għandu jkollhom wieħed minn dawn il-gradi li ġejjin:

Verżjoni Elettronika

(a) il-grad ta' Master f'qasam relatat mal-Kirurġija Dentali ta' din l-Università jew ta' università oħra jew kwalifiki ta' livell komparabbli rikonoxxuti għal dan il-għan mis-Senat; jew

(b) il-grad ta' baċellerat miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri jew fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Diviżjoni Ogħla), diment li l-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat jaċċerta ruħu li l-applikant għandu esperjenza b'saħħitha fil-qasam ta' studju relatat mal-qasam tar-riċerka propost. Jekk dan ikun il-każ, il-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat għandu jressaq rakkomandazzjoni għall-aċċettazzjoni motivata u b'mod ċar lill-Bord għall-konsiderazzjoni aktar 'il quddiem mill-Kumitat Akkademiku għad-Dottorat u mis-Senat.

4. L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll biex juru l-kompetenza tagħhom f'dawk il-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra ta' Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat magħmul kif ġej:

Id-Dekan tal-Fakultà jew delegat (Chair)
3 membri tal-istaff anzjani, rappreżentanti ta' kull dipartiment fi ħdan il-Fakultà
2 membri tal-istaff addizzjonali, li jistgħu jkunu kkooptjati minn fost l-akkademiċi residenti tal-Fakultà.

It-Taqsimiet-Studju Mgħallma

6. Meta s-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, iqis li hu meħtieġ, jista' jitlob li l-applikanti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet-studju taħt dawk il-kundizzjonijiet li jista' jimponi.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

7. Il-Bord għandu japprova u jippubblika linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

It-Tħassir

8. L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru 211 tal-2010, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Frar 2024.